MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 317/2003

**Albert Cauchi Gera**

**vs**

**Said Bouslama**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni ta’ kull titolu li seta’ kellu, jizgombra fiz-zmien li jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti mill-fond numru tnax (12), Framer Flats, Cathedral Street, San Pawl il-Bahar, stante li llum hu qeighed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**Ghal kull buon fini jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix l-elf Lira Maltin (LM1000.00,0) fis-sena;**

**Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat id-digriet taghha tas-27 ta' April tas-sena 2004 fejn il-Qorti wara t-talba tal-konvenut ghal dan ikkoncediet perjodu ta' ghoxrin (20) gurnata biex hu jkun jista' jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;**

**Rat li dan il-perjodu ghadda inutilment;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta' Gunju tas-sena 2004 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tordna lill-konvenut Said Bouslama jizgombra mill-fond numru tnax (12), Framer Flats, Cathedral Street, San Pawl il-Bahar fi zmien xahar (1) mil-lum, bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------